Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Michael Mallia]
[Spettur Keith Arnaud]

vs

Michael Azzopardi
Feraj Issa Ali Yaacob

Kumpilazzjoni Numru: 933/13

Illum, 14 ta' Ottubru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Michael Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 730558M u kontra Feraj Issa Ali Yaacob detentur tal-karta tal-identita` numru 61870A akkuzati t-tnejn

flimkien talli nhar il-21 ta’ Settembru 2013 u fix-xahrejn ta’ qabel din id-data:

1. Ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba’ snin jew iktar;

2. Appartjenew ghal-ghaqda msemmija fis-subartiklu (1) ta’ l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Assocjaw ruhhom ma’ xi persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu reati bi ksur tal-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Ordinanza Dwar l-Esplozivi Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Att Dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali Kapitolu 365 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Zammu ghal bejgh jew haznu porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija moghtija taht il-kondizzjoni li l-bejjiegh ghandu

jirrapporta lill-Pulizija kull bejgh li hu jaghmel u l-isem u l-indirizz tax-xerrej;

5. Uzaw, baghtu jew ikkunsinnaw mill-fabbrikanti jew mid-dettaljaturi hlief lill-awtorita` pubblika, jew lil persuni awtorizzati b'permess iffirmat mill-Kummissarju tal-Pulizija, xi wahda jew aktar mis-sustanzi msemmijin fl-artikolu 2 tal-Ordinanza Dwar l-Esplozivi Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar 1- Esplozivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, zammu fid-dar taghhom u/ jew f'post iehor, hadmu, bieghu jew offrew ghal bejgh, jew ikkunsinnaw lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra msemmijin fl-artikolu 6 tal-Ordinanza Dwar l-Esplozivi Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Bhala cittadini Maltin jew persuni f'Malta ghamlu negozju ma' entitajiet inkorporati fil-Jamahirija Gharbija Libjana, jew li jkunu suggetti ghall-gurisdizzjoni tal-Jamahirija

Gharbija Libjana, u ma' persuni jew entitajiet li jagixxu f'isimhom jew fuq ordni taghhom, u ma' entitajiet li jkunu jappartjenu lilhom jew huma kontrollati minnhom, meta kienu jafu jew issuspettaw li dak in-negozju seta' ikkontribwixxa ghall-vjolenza u ghall-uzu tal-forza kontra l-popolazzjoni civili;

8. Bieghhu, ipprovdew jew ghamlu trasferiment, direttament jew indirettament lill-Jamahirija Gharbija Libjana minn Malta jew bhala cittadini Maltin, jew billi uzaw bastimenti jew ingenji tal-ajru rregistrati taht il-bandiera ta' Malta, kemm jekk joriginaw mit-territorju Malti u kemm jekk le, armi u taghmir relatat ta' kull tip, inkluzi armi u munizzjon, vetturi u taghmir militari, taghmir paramilitari, u *spare parts* ghalihom;

U akkuzat lil Michael Azzopardi wahdu talli nhar il-21 ta' Settembru 2013 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data:

9. Filwaqt li kellu licenza mahruga taht l-Att dwar l-Armi bhala negozjant, naqas li jzomm registru b'inventarju ta' kull arma tan-nar u munizzjon u ta' kull darba li rcieva

jew nehha, taht liema titolu jkun, xi arma tan-nar jew munizzjon ghal-liema raguni tkun, meta kien obbligat inizzel dan il-fatt billi jispecifika:

(a) l-isem, il-kunjom, in-numru tal-karta ta' l-identita', x'ikun ix-xoghol u l-post ta' residenza tal-persuna li minn ghandha jkun ircieva l-armi regolari jew il-munizzjon jew lil min dawn ikunu ser jigu kkunsinnati;

(b) l-ghadd jew il-kwantita' ta' armi regolari jew munizzjon u d-data meta jircevihom jew inehhihom;

(c) in-numru tal-licenzja li jkollha l-persuna li lilha jigu trasferiti l-arma regolari jew il-munizzjon;

10. Bhala detentur ta' licenza ta' negozjant, naqas li jzomm u jikkonserva r-registru ghal daqstant zmien sakemm huwa baqa' jkollu dik il-licenza, liema registru ghandu, fid-data meta jigi depozitat, ikun iffirmat kif imiss mid-detentur tal-licenza u kontrosenjat mill-Kummissarju jew minn ufficjal li jkun gie awtorizzat ghaldaqstant minnu;

11. Bhala negozjant, trasferixxa jew ikkunsinna taht kwalunkwe titolu li jkun, munizzjon lil xi persuna li ma kellhiex licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik l-arma regolari jew munizzjon skond l-Att dwar l-Armi;

12. Bhala detentur ta' licenza li jkollu jedd jimporta, jakkwista, izomm u jnehhi armi regolari u munizzjon skond id-disposizzjonijiet moghtija taht it-Taqsima V tar-Regolamenti Dwar il-Licenzi Ghall-Armi (L.S. 480.02) tal-Att Dwar l-Armi hazen aktar minn tnax-il elf balla bhala munizzjon fil-fond nru. 1 u/jew fil-fond 'Guns and Cartidges' fi Triq ir-Rghajja Rabat Malta;

13. Dahhal f'Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-polvri jew ta' xoghlijiet tan-nar, inkella fabbrika ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra, minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija meta ma kienx xoghol ta' kwantita' zghira ta' porvli tal-isparar jew ta' esplozivi ohra ghall-fini ta' esperimenti kimici;

Lil Feraj Issa Ali Yaacob wahdu talli nhar il-21 ta' Settebru 2013 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data:

14. F'dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputati u cioe`:

Fil-konfront ta' Michael Azzopardi u Feraj Issa Ali Yaacob flimkien:-

a. fl-artikolu 83A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikolu 83A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. fl-artikoli 9, 28 u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-artikoli 6, 28 u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fir-regolamenti 6 u 10 tal-Ligi Sussidjarja 365.36 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. fir-regolamenti 4(1)(a) u 11 tal-Ligi Sussidjarja 365.33 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Michael Azzopardi wahdu:-

j. fl-artikoli 15(1)(a) (b) (c) u 51(4) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
k. fl-artikoli 15(2) u 51(4) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
l. fl-artikoli 20 u 51(4) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
m. fir-regolamenti 34(c) u 92 tal-Ligi Sussidjarja 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
n. fl-artikoli 3 u 27 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Feraj Issa Ali Yaacob wahdu:-

o. fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat Michael Azzopardi li hija wahda refrattarja;

Rat il-fedina tal-imputat Feraj Issa Ali Yaacob li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq sejba ta' ammont kbir ta' munizzjoni fil-vettura tal-ko-akkuzat Feraj Issa Ali Yaacob li kien telaq ftit minuti qabel mill-hanut tal-ko-akkuzat l-iehor Michael Azzopardi liema hanut jismu Guns and Catridges.

Illi xehed l-**Ispettur Michael Mallia** li qal li kellu istruzzjonijiet biex jaghmel sorveljanza f'hanut gewwa r-Rabat (Guns and Catridges) bil-ghan li jigi intercettat *deal* ta' munizzjoni li kien issuspettat li

jsehh bejn l-imputati. Dan il-hanut huwa proprjeta` ta' Michael Azzopardi. Qal li l-Pulizija raw lill-imputat Yaacob hiereg mill-hanut u intercettawh meta kien hiereg minn gor-Rabat bil-vettura tieghu. Fil-vettura tieghu sabu diversi kaxxi tal-kartun li kien fihom *live ammunition*. L-istess munizzjoni gie ezaminat mill-Brigadier Maurice Calleja. B'kollox kien hemm 13,500 balla ta' kalibru 9mm u 9,952 balla ohra ta' kalibru .38. L-imputat Yaacob qal lill-Ispettur li kien ghand Michael Azzopardi fejn dan l-istess munizzjoni kellu jiehdu ghand xi hadd biex jigi esportat lejn il-Libja. Spjegalu li n-negozju sar bejn Michael Azzopardi u l-persuna fil-Libja fejn huwa (Yaacob) kellu biss jittrasporta l-munizzjoni minghand Michael ghand persuni ohra fejn kien qed jistenna telefonata biex ikun jaf fejn ghandu jiehu l-munizzjoni pero` kien jaf li kellu jiehdu f'xi dghajsa. Qal ukoll li f'okkazjonijiet precedenti kien sar l-istess ezercizzju fejn kien ikun hemm persuna Maltija li kienet tistennieh fuq dghajsa fl-inhawi ta' Sa Maison. Yaacob qal ukoll li ta xoghlu kien jithallas bejn €300-€400. Saret tfittxija fir-residenza u l-garaxx ta' Yaacob fejn gew elevati kaxxi simili. Ftit wara kien gie arrestat l-imputat Michael Azzopardi fejn mill-hanut tieghu giet elevata s-somma ta' €14,590 fi flus kontanti liema flus kienu "*go envelope*

*go armarju.*" Gew elevati wkoll tliet tankijiet ta' 40kg ta' *gunpowder*. Michael ammetta mal-Pulizija li kien ghadda lil Yaacob 23,452 balla, *live ammunition*, u cioe` l-istess munizzjoni li nstabu fil-vettura ta' Yaacob. Qal ukoll li ma kien hemm hadd iktar involut hlief huwa u Yaacob. Zied jghid li huwa ma kienx thallas ghall-munizzjoni u dawk il-flejjes li gew elevati li kinux il-hlas ta' dak il-munizzjoni. Qal li kien ser jerga' jigi Yaacob biex ihallsu €14,500 – xi haga li Yaacob innega peress li dejjem insista li Michael kien jaghmel in-negozju ma' persuni ohra fil-Libja. L-Ispettur Mallia, fost esebiti ohra, esebixxa registru li jindika l-bejgh ta' armi u munizzjoni mill-hanut Guns and Cartridges li gie mmarkat bhala Dok. MM12. L-istess Spettur esebixxa elenku u cioe` lista tal-oggetti kollha li gew esebiti fl-atti odjerni liema oggetti gew elevati mill-Pulizija mir-residenza u hanut gewwa Rabat u mill-vettura Toyota Vitz – Dok. MMX a fol. 371 tal-process.

Fl-istqarrija tieghu (Dok. MM10 a fol. 48) l-imputat **Michael Azzopardi**, wara li rrifjuta l-jedd ghall-pariri legali, ikkonferma li kien ghadda ammont ta' munizzjoni *re-loaded* lil Yaacob. Qal li l-munizzjoni kien jikkonsisti f'13,500 bullets ta' kalibru 9mm u

9,592 bullets ta' kalibru .38. Qal li dawn xtrahom minghand certu Mario Farrugia li ghandu hanut gewwa Ghawdex u kien huwa stess li ta lil Mario Farrugia l-iskratac vojta biex jimlihom. Qal li kien ordnahom minghand Mario ghax kellu talba ghalihom minghand Yaacob. L-imputat qal li ma kienx staqsa lil Yaacob ghalfejn ried dawn il-*bullets* izda darba kien qallu "*li biex jaqla lira minnhom.*" Huwa qal li gieli biegh *reloads* lill-persuni ohra pero` f'ammonti zghar. L-imputat innega li kienu kkuntattjawh persuni ohra Libjani biex jordnaw *bullets*. Huwa qal li bhala persuna licenzjata kien jaf li ma setax ibiegh *ammunition* f'ammonti daqshekk kbar lill-persuna bla licenzja. Huwa qal li ghalkemm jaf li Yaacob huwa ta' gens barrani jaf li hu mizzewweg hawn Malta u jghix Malta. L-imputat baqa' jsostni li ma kienx jaf x'ser jaghmel Yaacob bil-munizzjoni. Huwa kkonferma li kien jaf li Yaacob jibghat ic-cintorini l-Libja. Huwa qal li ghaffeg dawk il-karti li gew esebiti: "*Ghax dak il-hin ma kontx ghadni ghidtlek il-verita `*." Huwa qal li Yaacob dejjem hallsu izda f'dan il-kaz il-hlas kien ghadu ma sarx ghax Yaacob kien qallu li ser ihallsu l-ghada jew il-gurnata ta' wara.

Xehed ukoll l-**Ispettur Keith Arnaud** li wkoll kien involut fl-arrest tal-imputati. Huwa wkoll gharaf lill-imputati fl-awla. Ix-xhud ikkonferma kemm l-istqarrija ta' Michael Azzopardi u esebixxa l-istqarrija ta' Feraj Issa Ali Yaacob (Dok. KA1).

Fl-istqarrija tieghu **Feraj Issa Ali Yaacob**, wara li ha parir legali, qal li ilu jghix Malta madwar erba' snin. Huwa qal li l-*bullets* li nstabu fil-vettura tieghu kien hadhom minghand il-hanut ta' Michael Azzopardi. L-imputat qal li lil Michael ma hallsux ghax kellu jhallsu "*Dak li kien miftiehem maghhom, Walid.*" Huwa spjega li Walid huwa Libjan u joqghod Tripoli u li gieli mar il-hanut ta' Michael Azzopardi u kien jiftiehem mieghu biex kif ikollu x-xoghol jibghathomlu. Huwa qal li jaf dan kollu ghax Walid habib tieghu u gieli kien iwasslu l-hanut ta' Michael u kien jisma' x'kienu jghidu. Walid u Michael kienu jiftiehmu fuq kwantita` u meta jkun jista' jibghathom. Kien sema' lil Michael jghidlu li l-*bullets* iridu jinhadmu u jiehdu l-hin "*u gieli Walid kien jghidlu li ma kienx ikollu ma' min jibghathom ghax dak li kien itellaghhomlu mhux dejjem kien ikun jista' ghax kellu xi habib li ghandu lanca u kien itellaghhomlu hu l-Libja.*" Bhala ammonti kbar kienu jitkellmu fuq 4,000 jew 5,000. Skont Yaacob bhala

hlas gieli gie Walid stess u hallas lil Michael u gieli Walid baghat flus ma' Yaacob. Bhala ammonti Walid kien jibghat ma' Yaacob €10,000, €5,000 u €6,000 fi flus kontanti. Qal li peress li Walid ma tantx jitkellem sew bil-Malti kien icempel lilu u huwa kien imur jew icempel lil Michael u jordna x-xoghol. Imbaghad la darba Michael jghidlu li x-xoghol lest kien imur jigbru u jiehdu fejn jghidlu Walid. Qal li meta kien icempel lil Michael kien jordna bejn 4,000 jew 7,000 skratac jew *bullets*. L-imputat qal li kien jistenna telefonata minghand persuna li kien jiltaqa' mieghu fejn jghidlu. Mistoqsi b'liema lingwa titkellem din il-persuna qal : "*Bil-Malti. Jiena dejjem lil Maltin tajtu x-xoghol.*" Dan in-negozju ta' 23,000 balla sar xi xahar ilu bejn Walid u Michael meta Walid kien Malta. Xi tliet ijiem qabel qal li Walid kien cempillu biex javza lil Michael biex ilestilu x-xoghol ghax sab min itellalu x-xoghol il-Libja. Huwa qal li wara li mar ghax-xoghol mill-hanut ta' Michael ma kienx lahaq cempel lil Walid. Mistoqsi jekk hallasx lil Michael qal: "*Ma hallastux. Ghax mhux jien inhalsu.*" Qal li gieli hallas lil Michael f'isem Walid izda ghal dan ix-xoghol il-ftehim kien li jhallsu Walid. Minkejja dan l-imputat baqa' jsostni li ma hallasx lil Michael ghal dan ix-xoghol. Qal ukoll li sehmu ghal dan ix-xoghol huwa ta' €300 jew €400. L-imputat qal li ma jafx ghalfejn

Walid jixtri il-*bullets*. Huwa nnega li jaghmel negozju dirett ma' persuni gewwa l-Libja. Innega wkoll li vvinta fuq Walid. Huwa rega' sostna li Walid kien hawn Malta xahar ilu u mar mieghu fil-hanut ta' Michael Azzopardi. Yaacob qal li gieli xtarta cinturini u affarijiet ohra mill-hanut ta' Michael u li kien itellaghhom il-Libja u jbieghhom hemmhekk. Huwa rega' nnega li dan huwa parti min-negozju li ghandu gewwa l-Libja. Huwa qal li m'ghandux licenzja u li ma kienx jaf li kellu bzonn licenzja. Zied jghid li Michael qatt ma staqsieh ghalfejn riedhom dawn il-*bullets* u lanqas qatt ma talbu licenzja.

Gie pprezentat il-proces verbal nru. 725/13 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke (a fol. 84 et seq) fejn il-Qorti kkonfermat l-esperti mahtura fl-inkjesta esebita.

Xehed **Stephen Cachia** inrapprezentanza ta' Transport Malta li qal li l-vettura bir-registrazzjoni ABP 772 hija registrat fuq Anna Yaacob.

Xehed **PS 90 Jeffrey Gerada** li kien prezenti meta waqqfu lil Yaacob li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP

772 fejn sabu kaxxi fil-vettura mghottijin b'xugaman. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Huwa kien prezenti wkoll meta arrestaw lil Michael Azzopardi li wkoll gharaf fl-awla. Zied jghid li ra lil Michael jipprova jghaffeg xi karti fil-hanut tieghu. Ix-xhud ikkonferma li dawn il-karti huma esebiti bhala Dok. MM6 u MM7. In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li l-hanut ta' Michael Azzopardi huwa propju hanut tal-armi u munizzjoni li jkunu esposti ghall-bejgh. Huwa qal li ma ccekkjax jekk l-imputat Michael Azzopardi kellux licenzja. Qal li l-imputat qalilhom li huwa jbiegh ukoll *gunpowder*. Ix-xhud spjega li hadu dawk iz-zewg karti ghax raw lill-imputat jghaffighom. Fuq dawn il-karti sabu: "*c-cifri u l-ammonti li kien hemm kienu jaqblu ma' l-ammunition li konna sibna fil-karozza ta' Yaacob*." Ix-xhud spjega li ma dahalx fil-kwistjoni tal-*logo*.

Xehed **Mario Farrugia** li qal li kien wehel sentejn habs sospizi ghal erba' snin minhabba "*ammunition li ghamilt li llowdjajt*." Qal li huwa ghandu hanut gewwa Ghawdex fejn ibiegh l-armi u l-*ammunition*. Fil-garaxx tieghu spjega li joqghod jillowdja l-*ammunition* u cioe` jimla l-iskratac vojta. Huwa qal li tressaq il-Qorti ghax ma rregistrahomx peress li kienu *reloads* u mhux tal-

fabbrika. Dawn bieghhom lil *dealer* iehor u cioe` lil Michael Azzopardi. Qal li kien ilu jaf lil Michael ghaliex jixtri armi minghandu u vice-versa. Qal li l-vojt tat-tlettax-il elf kien tajhomlu Michael Azzopardi ghaliex huwa ma kellux u dawn kienu ta' kalibru 9mm. Qal li Michael stess kien ikellmu meta kien jordnalu biex jahdimlu l-munizzjoni. Huwa qal li hadd ma qallu biex ma jirregistrahomx. Ix-xhud qal li ma kienx staqsa lil Michael Azzopardi ghalxiex kellu bzonn dan l-*ammunition*. Qal li ma kienx jaf fejn sejjer dan l-*ammunition* pero` haseb li Michael kellu bzonnhom biex ibieghom lil xi hadd. Wara ftakar li fl-istqarrija tieghu qal li forsi l-*ammunition* kien sejjer x'imkien barra minn Malta, "*forsi lejn l-Afrika*." Ix-xhud kompla jsostni li ma staqsiex lil Michael Azzopardi fejn kien sejjer l-*ammunition* u li allura kien hemm *misunderstanding* waqt l-istqarrija. Huwa qal li kien hu stess li kien jiehu l-*ammunition* lil Michael Azzopardi fejn jaghmlu karta bejniethom fejn jiktbu l-ammont ta' *ammunition* u ismu u isem il-hanut. Ix-xhud spjega li l-ahhar xoghol li ta lil Michael ma thallasx ghalih u jassumi ghaliex inqabad mill-Pulizija.

L-istess xhud riprodott qal li Michael Azzopardi kien cempillu fejn talbu biex jahdimlu 9mm munizzjoni. Ix-xhud qal li huwa kien jahseb li Michael Azzopardi kien jixtri biex ibiegh. Huwa qal li kien suspett tieghu li l-munizjoni ma kienx ghal Malta ghax Michael qatt ma qallu fejn kien sejjer. Qal ukoll li ssuspetta bil-hazin ghaliex ma gewx registrati. In kontroezami x-xhud qal li kien huwa stess li ghazel li ma jirregistrahomx u ma kienx Michael li qallu biex ma jirregistrahomx. Qal ukoll li Michael Azzopardi qatt ma qallu li l-munizzjoni kien ghal barra minn Malta. Qal ukoll li gieli huwa xtara skratac minghand Michael Azzopardi u d-*delivery* kien isir bl-istess mod fejn ukoll jaghtu ricevuti fiskali lil xulxin. L-unika differenza din id-darba kien l-ammont ghaliex kien ikbar mis-soltu.

Xehed il-**Brigadier Maurice Calleja** fejn qal li ghamel rapport wiehed fejn ghamel ezami fuq ammont kbir ta' munizzjoni anki gewwa Ghawdex li jintuza minn armi tan-nar bhal ma huma *revolvers, pistols* u *rifles*. Ta' Malta kien hemm kalibru 9 tlettax-il elf u hames mija (13,500), kalibru 3.8 disa' telef hames mija u tnejn u disghin (9,592). Qal li fil-maggoranza kienu kkargati Malta, lokalment u mhux mill-fabbrika minn "*xi dilettant jaf*

*x'inhu jaghmel.*" Ir-rapport peritali gie esebit u mmarkat bhala Dok. MC1 (a fol. 153 et seq).

Xehed **PS 122 Arthur Borg** li kien gie mqabbad sabiex jiehu ritratti tal-vettura ABP 772. Huwa pprezenta relazzjoni b'36 ritratt li gie mmarkat bhala Dok. AB1.

**PS 1257 Conrad Ellul** xehed illi mir-ricerka li ghamel Feraj Issa Ali Yaacob instab li ma ghandu l-ebda licenzja ghall-armi.

**PS1225 Mario Fenech** ipprezenta dokument tal-licenzji (Dok. MF1) li juri li l-imputat Michael Azzopardi huwa licenzjat sabiex izomm u jgorr armi ghal skop ta' kacca u ta' *target shooting*. Qal ukoll li qatt ma nhargu licenzji taht l-Explosive Ordinance favur Michael Azzopardi.

Xehed **PS 8 Stephen Bezzina** li qal li kien prezenti fil-hanut ta' Michael Azzopardi fejn ra lill-imputat jghaffeg karta u jwaddabha go *dustbin.* Ix-xhud qal li staqsa lill-imputat x'rema u mar personalment biex jiccekkja fejn sab karta b'xi numri fuqha. Ix-

xhud ikkonferma li dawn l-istess karti huma esebiti bhala Dok. MM6 u MM7.

Xehed **Max Xuereb** li gie inkarigat fl-inkjesta biex jiehu ritratti fejn accedda hanut jismu Hobbies and Air and Firearms gewwa Ghawdex u dar privata gewwa x-Xaghra. Dan ir-rapport gie mmarkat bhal Dok. MX1.

Xehdet **WPS110 Maria Scicluna** li qalet li Feraj Issa Ali Yaacob m'ghandux armi registrati u lanqas m'ghandu licenzji "*taht Act 33 tal-Explosives*."

Xehed **Carmel Abela** li jahdem fl-Asset Management Unit li pprezenta kompendju tal-assi ta' Feraj Issa Ali Yaacob u li gie mmarkat bhala Dok. CA1.

Fl-istadju tal-provi difiza l-Avukat Dr. Patrick Valentino esebixxa zewg dokumenti (Dok. PV1 u PV2) li jikkonsistu fix-xhieda tal-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit, ta' Stephen Petroni u ta' Joseph Attard moghtija fit-12 ta' April 2016 u fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Michael Azzopardi' quddiem il-

Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Gie esebit ukoll Dok. PV3 li jikkonsisti f'xhieda ulterjuri ta' Peter Paul Zammit moghtija fil-21 ta' Frar 2017.

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema l-Prosekuzzjoni qaghdet tispjega kemm huma perikoluzi l-armi tan-nar u l-munizzjoni u x'tghid il-Ligi dwar in-negozju u pussess tal-istess. Il-Prosekuzzjoni fin-nota taghha dahlet fil-fatti tal-kaz fejn qalet li l-munizjzoni fil-vettura ta' Yaacob kienet mghottija biex "*ma jaghtux wisq fil-ghajn.*" Qalet ukoll li l-munizzjoni, kif jidher mir-rapport tal-Brigadier Maurice Calleja kien kollu kkargat li jfisser li kien "*live ammunition lest biex jigi sparat.*" Gie rilevat ukoll li ghand Michael Azzopardi l-piz tal-porvli li nstab kien jaqbez ferm l-ammont massimu li negozjant jista' jzomm. Il-Prosekuzzjoni enfassizzat ukoll fuq il-fatt li l-imputat Michael Azzopardi pprova jqarraq bil-Pulizija meta pprova jiddistruggi zewg karti (Dok. MM6 u MM7), u anki fuq il-fatt li l-bejgh ta' 23,092 balla ma huwa rregistrat imkien fir-registru (registru esebit a fol. 63).

Fl-istess nota l-Prosekuzzjoni dahlet fl-istqarrijiet tal-imputati fejn sabet konfort fil-fatt li Azzopardi kkonferma li biegh lil Yaacob 23,092 balla li huwa l-istess ammont li sabu fil-vettura ta' Yaacob. Azzopardi kkonferma wkoll li dawn kienu *reloads*. Skont il-Prosekuzzjoni huwa interessanti li Azzopardi accetta li jbiegh din il-kwantita` ta' bullets anke "*jekk huwa kien konxju li l-istess negozju kien kontra l-ligi u bhala negozjant tal-armi huwa kien ukoll jaf li ma seta qatt ibiegh munizzjon lill-persuna minghajr licenzja... bhalma huwa l-imputat Yaacob.*" Skont il-Prosekuzzjoni l-imputat Azzopardi mhuwiex *"kwalunkwe persuna izda persuna suppost responsabbi u fdat b'licenzja ta' negozjant ta' l-armi u munizzjoni fejn il-ligi tobbligah li jsegwi r-regolamenti qabel ma jitrasferixxi u jbiegh xi arma tan-nar u/jew munizzjoni..."* Il-Prosekuzzjoni terga' tenfasizza li Azzopardi qal huwa stess li ma rregistrax il-munizzjoni: "*Ir-reloads li huwa ammunition second-hand ma rregistrajtux. Il-godda mhux ha nbieghhom lil persuna ma nafux bhal dan il-Libjan. Bniedem bla licenzja bhal dan il-Libjan mhux ha naghtih godda. Jien bieghhejtulu ghax reloads."* Ghalhekk il-Prosekuzzjoni targumenta li din ir-risposta tigbor kollox: 1) li Azzopardi jiddeskrivi lil Yaacob bhala bniedem li ma kienx jafu; 2) u li kien

jaf li Yaacob ma kellux licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Skont il-Prosekuzzjoni din "*ir-risposta hija tentattativ mill-aktar assurd*" ghaliex l-unika differenza hija li reloads jigu manifatturati minn individwi li jkollhom l-gharfien mentri l-godda jkunu manifatturati minn fabbrika. Fin-nota giet ukoll rilevat illi l-Ligi ma taghmilx distinzjoni bejn munizzjoni *reloaded* u munizzjoni manifatturat go fabbrika.

Il-Prosekuzzjoni argumentat li l-istqarrija ta' Yaacob ikkorroborat dak li qal Azzopardi rigward l-bejgh ta' munizzjoni u kkonfermat il-fatt li Yaacob m'ghandux licenzja. Irrilevat illi "*ma hemmx farka dubju dwar minn fejn gew it-23,092 balla li Yaacob instab jittrasporta.*" Il-Prosekuzzjoni ttrattat ukoll l-iskop ghalfejn inxtara dan il-munizzjon kollu fejn qalet li skont Azzopardi ma kienx jaf fejn kien sejjer mentri Yaacob qal li ma kienx qalih izda ghal wiehed Walid fejn kien eventwalment gie esportat lejn il-Libja. Yaacob qal li kien hemm okkazjonijiet fejn Walid mar direttament ghand Azzopardi u f'okkazjonijiet ohra kien jordna Yaacob ghan-nom ta' Walid.

Il-Prosekuzzjoni tghid ukoll li Azzopardi gjaladarba kien komdu jbiegh dawk l-ammonti lill-persuna mhux licenzjata, "*allura wiehed jasal biex jemmen ukoll li huwa kien konxju tal-fatt li kien jaf fejn dan il-munizzjoni kellu jispicca.*" Skont il-Prosekuzzjoni lanqas kaxxa wahda b'50 balla ma tinbiegh lill-persuna mhux licenzjata ahseb u ara dawn l-eluf kollha ta' *bullets* – "*Dan huwa fatt car illi z-zewg imputati kienu zewg atturi maghquda flimkien f'assocjazzjoni ta' attivita` kriminali li flimkien organizzaw u ppartecipaw f'ghaqda biex jittrasportaw eluf ta' balal lejn il-Libja, liema negozju seta' ikkontribwixxa ghall-vjolenza u ghall-uzu tal-forza kontra popolazzjoni civili.*" Skont il-Prosekuzzjoni mill-fatti li johorgu mill-atti johrog il-*common design* li z-zewg imputati kellhom meta huma kkonfermaw ir-reati li qed jigu mixlija bihom.

Il-Prosekuzzjoni tikkonkludi n-nota taghha billi tinsisti fuq piena karcerarja u r-revoka ta' kwalunkwe licenzja relatata mal-armi tan-nar.

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Feraj Issa Ali Yaacob li sostna illi l-istqarrija minnu moghtija m'ghandhiex tigi

kkunsidrata stante li huwa ma nghatax id-dritt li jkollu rapprezentant legali waqt l-interrogazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. F'dan is-sens l-imputat ghamel riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fosthom Salduz vs. Turkey, Pischalnikov v. Russia u Mario Borg vs. Malta. Illi dan id-dritt gie wkoll rikonoxxut mill-Qrati Maltin f'sentenzi bhal Christopher Bartolo vs. AG u Il-Pulizija vs. Erson Pullicino.

Illi minghajr l-ezistenza u l-applikar ta' dan id-dritt l-imputat jargumenta li ma kellux konoxxenza cara tal-konsegwenzi ta' dak li qieghed jghid. Id-dritt ghall-assistenza waqt l-interrogatorju ma kienx jezisti meta ttiehdet l-istqarrija f'Settembru 2013 pero` xorta wahda l-istqarrija rilaxxata minnu hija inammissibbli u m'ghandha ssir l-ebda referenza ghaliha peress li xorta hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali. Dan huwa ben sostanzjat f'diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija vs. Claire Farrugia deciza fl-20 ta' Novembru 2018 mill-Qorti tal-Appell.

Illi ghalhekk l-imputat jargumenta li ladarba l-istqarrija ghandha tigi dikjarat inammissibbli l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza ma

jissussistux. Minghajr pregudizzju ghal dan, ghar-rigward tal-ewwel tliet akkuzi l-imputat jghid li ma ngabet l-ebda prova li l-imputat ippromwova, organizza, iffinanzja, appartjena jew assocja ruhu ma' xi ghaqda kemm Malta u kemm barra minn Malta. Apparti minn hekk ma ngabet l-ebda prova li l-munizzjoni kien ser jigi esportat u ghalhekk l-imputat sostna li dawn huma biss spekulazzjonijiet u l-akkuzi huma mibnija fuq hsibijiet tal-Pulizija u mhux fuq provi.

Illi l-imputat jishaq illi ma ngabet ebda prova rigward il-ftehim li sar bejn l-akkuzati dwar x'kien ser isir mill-munizzjoni; din hija prova cirkostanzjali u ta' natura essenzjali sabiex tinsab htija fl-ewwel tliet akkuzi. Dan ghaliex diversi awturi jishqu fuq il-punt illi:

> *"The essence of conspiracy is the agreement… nothing may be done in pursuit of the agreement… proof of the existence of a conspiracy is generally a matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them." (Archibold).*

Dan gie ukoll rivedut minn Kenny's Outlines of Criminal Law fejn sahaq dwar l-importanza illi *"the gist of conspiracy is the agreement, whether or not the object is attained".*

L-imputat Yaacob ghalhekk jghid li ma tistax tinstab htija fuq l-ewwel tliet akkuzi ghaliex la l-assoccazzjoni u lanqas il-promozzjoni ma tirrizulta stante li hija mankanti l-prova ta' ftehim ulterjuri bejn l-akkuzati x'kien ser isir mill-munizzjoni.

Rigward ir-raba', il-hames u s-sitt akkuza, l-imputat irrileva illi fl-atti processwali ma jezisti xejn u lanqas tentattiv fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni li jassocja lill-imputat mar-reati addebitati lilu.

Rigward is-seba' u t-tmien akkuza l-imputat sostna li hekk kif l-istqarrija tieghu m'hijiex ammissibbli mela allura dawn iz-zewg akkuzi ma jirrizultawx. Di piu` qal li ma gie pruvat l-ebda negozju ma' entitajiet Libjana. Illi bhal donnha li l-unika konnesjoni li taghmel il-prosekuzzjoni versu dan ir-reat hija biss il-fatt li n-nazzjonalita` tal-imputat hija dik Libjana.

L-imputat jghid ukoll li "*l-Ispetturi ghamlu referenza ghal certu Walid Ittarhuni dan baqa' biss persuna fittizja. Wiehed kien jistenna li l-prosekuzzjoni tipprova taghmel imqar tentattiv sabiex fl-ewwel lok tillaccja lill-imputat mal-Jamaharija Gharbija Libjana jew tintracca lill-imsemmi Walid Ittarhuni sabiex jispjega l-konessjonijiet li seta jkollu mal-Jamaharija Gharbija Libjana.*"

Giel rilevat ukoll li din m'hijiex sfera ta' provi 'plawzibbli' izda fil-kamp kriminali huwa necessarju li jkun hemm prova li tmur lil hinn minn kwalunkwe dubju.

Apparti minn hekk ma ngabet lanqas prova li dak il-munizzjon kien ser jintuza ghal *"vjolenza… jew kontra l-popolazzjoni civili".* L-imputat argumenta li ma jistax plawsibbilment jinghad li gjaladarba l-munizzjoni kien ser jispicca l-Libja ma kienx ser jintuza ghall-ghanjiet sportivi u mhux kontra l-poplu civili.

Illi gie rilevat li sabiex tirrizulta infrazjoni ghas-sanzjonijiet riferuti jrid jirrizulta definittivament illi l-persuna nnegozjat ma' entitajiet inkorporati fil-Jamahirija Gharbija Libjana, jew li jkunu suggetti ghall-gurisdizzjoni tal-Jamahirija Gharbija Libjana, u ma'

persuni/entitajiet li jagixxu f'isimhom jew fuq ordni tal-istess, u mhux fuq fatt uniku li donnu qed tistrieh fuqu l-prosekuzzjoni, u cioe` dak li l-imputat twieled Tripli, u allura f'mohh il-prosekuzzjoni dan qed jagixxi fuq ordni tal-Jamaharija Gharbija Libjana.

Apparti minn hekk l-akkuzat jghid li l-Jamahirija Gharbija Libjana intemmet fis-sena 2011 u cioe` sentejn qabel l-akkuzi kif dedotti.

Fl-ahharnett rigward id-disa' akkuza l-imputat qal li l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova illi l-imputat ma kellux licenzja taht l-Kapitolu 480 u ghalhekk ghandu jigi liberat minn din l-akkuza wkoll.

Il-Qorti rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Michael Azzopardi li qal li l-istqarrija ta' ko-imputat mhijiex prova ammissibbli kontra l-imputat l-iehor. Fir-rigward tal-ewwel tliet akkuzi l-imputat irrileva li l-Prosekuzzjoni qed tittanta targumenta li dan ir-reat jissussisti ghaliex Yaacob qal li dan il-munizzjon kien ghal persuna Libjana certu Walid Ittarhuni u kien

ser jigi trasportat lejn il-Libja. L-ebda prova ohra, la dokumentarja u lanqas cirkostanzjali ma tinsab fl-atti processwali. Il-Prosekuzzjoni lanqas gabet lil Walid jixhed u fil-fatt lanqas nafu jekk jezistix jew jekk hux persuna fittizja. Lanqas ma tirrizulta xi prova li l-munizzjon kien ghaddej minn xi forma ta' preparamenti biex jigi esportat u ghalhekk dawn l-akkuzi huma mibnija biss fuq spekulazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni u mhux fuq provi. Lanqas ma jirrizulta oltre kull dubju li l-imputat Azzopardi kien konxju tal-fatt li l-iskratac kienu destinati ghal Walid *"kif jallega l-ko-imputat Yaacob sabiex jipprova jiskolpa ruhu, u aktar minn hekk, kienu ser jigu esportati lejn il-Libja."*

In oltre sabiex tirrizulta l-promozzjoni jrid ikun fil-kuntest ta' reat punibbli b'prigunerija ta' perjodu ghal aktar minn erba' snin – li ma jirrizultax mill-atti processwali. Ghalhekk ma jirrizultawx la l-assocjazzjoni u lanqas il-promozzjoni stante li hija mankanti l-prova ta' ftehim ulterjuri bejn l-akkuzati dwar x'kien ser jigri mill-munizzjoni.

Rigward l-akkuzi erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6), l-imputat jishaq illi ma jinsab xejn fl-atti processwali u lanqas fin-nota tas-

sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni li b'xi mod jallaccja l-imputat mar-reati addebitati lilu. Ghall-kuntrarju jirrizulta li l-imputat huwa debitament licenzjat. Jirrileva li ghall-kompletezza gie elevat kontenitur li allegatament kien jikkontjeni xi porvli izda l-espert tal-Qorti ma qalx x'kienet is-sustanza fl-imsemmi recipjent u allura dawn l-akkuzi ma jirrizultawx.

Rigward l-akkuzi sebgha (7) u tmienja (8), l-imputat irrileva illi ma hemm l-ebda prova li l-iskratac kienu ser jigu esportati peress li ma jirrizulta xejn ghajr id-dikjarazzjoni tal-ko-imputat Yaacob li in ogni caso mhijiex ammissibbli. Skont l-imputat ma jirrizulta l-ebda att preparatorju li jista' jaghti x'jifhem ragjonevolment li l-iskratac kienu ser jintbaghtu barra mill-pajjiz. Lanqas hemm prova li l-imputat kien jaf jew seta' ragjonevolment ikun jaf li l-iskratac minnu mibjugha kienu ser jigu esportati. L-imputat zied jghid li l-Prosekuzzjoni qed tippretendi li tinstab htija unikament fuq il-fatt li l-ko-akkuzat huwa Libjan.

Jghid ukoll li Walid Ittarhuni baqa' persuna fittizja. L-imputat argumenta li l-allaccjament tal-akkadut mertu ta' dawn il-proceduri mal-akkuzi addebitati ta' ksur ta' sanzjonijiet kien ta'

lanqas jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova li dan Yaacob huwa ta' nazzjonalita` Libjana b'konnessjoni diretta mal-Jamaharija Gharbija Libjana - haga li ma saritx.

Bhall-ko-akkuzat Yaacob, Azzopardi jargumenta illi ma ngabet lanqas prova li dak il-munizzjon kien ser jintuza ghal *"vjolenza... jew kontra l-popolazzjoni civili".* L-imputat argumenta li ma jistax plawsibbilment jinghad li gjaladarba l-munizzjon kien ser jispicca l-Libja ma kienx ser jintuza ghall-ghanjiet sportivi u mhux kontra l-poplu civili.

Rigward id-disa' (9) akkuza, u cioe` li naqas milli jzomm inventarju, l-imputat jghid li rigward ir-reat kontemplat fl-artikolu 15 tal-Kap 480 huwa minnu li ma nizzilx fir-registru l-bejgh tal-iskratac mertu ta' din il-kawza li nbieghu lil Yaacob, li kien ghadu ma hallasx ghalihom. *"Din hija l-unika infrazjoni li kkommetta l-esponent imma dan ghal diversi ragunijiet li ghadhom jigu konsidrati minn din l-Onorabbli Qorti meta tigi biex teroga l-piena ghall-istess."* L-imputat jargumenta li qabel l-introduzzjoni ta' din il-Ligi, ma kien hemm l-ebda kwezit li negozjant inizzel f'registru appozitu ir-*reloads* u fil-fatt jirrizulta

mir-registru tal-imputat li gie esebit in atti li huwa kien izomm registru u "*fih kien inizzel il-bejgh ta' munizzjoni **gdid u armi**.*" Skont l-imputat is-Sur Peter Paul Zammit qal lin-negozjanti tal-armi fl-istadju li kienet qed tigi emendata l-Ligi li l-kweziti legali fil-konfront ta' skratac ma nbidlitx u dan qalu meta ddepona – u kien ghalhekk li l-imputat esebixxa traskrizzjoni tax-xhieda tal-istess Peter Paul Zammit f'kawza identika. Skont l-imputat kienu anke d-dirigenti tal-GRTU u membri tal-Weapons Board li fehmu l-istess ghaliex dak kien il-messagg li qed jinghata mill-awtoritajiet li munizzjoni tas-snieter u *reloads* ma kinux jitnizzlu fir-registru ghaliex fil-konfront ta' dak li gja kien hawn fis-suq ma kien ser jinbidel xejn. Ghalhekk il-Qorti ghandha tiehu inkonsiderazzjoni dan id-disgwid u tapplika l-minimu.

Ghar-rigward l-ghaxar (10) akkuza, l-imputat qal li din ma tistax tirrizulta ghaliex kif jidher evidenti mill-atti l-imputat kien izomm registru li fih kien inizzel il-bejgh kollu ta' armi u munizzjoni gdid (mhux *reloads*).

L-imputat permezz tan-nota tieghu jammetti wkoll il-hdax (11)-il akkuza fejn jghid li din tirrizulta pprovata fil-konfront tal-esponent.

Inkwantu ghall-akkuza numru tnax (12) u cioe` li zamm aktar minn 12,000 balla bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja tieghu, Azzopardi jghid illi permezz tal-Avviz Legali 206 tal-2015 il-Legislazzjoni Sussidjarja 480.02 giet emendata fejn ir-regolament 34(c) jipprovdi li detentur ta' licenzja m'ghandux jahzen iktar minn 250,000 balla bhala munizzjoni li jaqghu taht il-partita 5 tal-iSkeda II tal-Att u 75,000 balla bhala munizzjon fil-fond. F'dan is-sens l-imputat jaghmel referenza ghal sentenza tat-2 ta' Mejju 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Grima fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghan-noti tal-Professur Sir Anthony Mamo fejn qalet hekk: "*il-ligi sostanzjali, .. bhala regola, ma tapplikax retrospettivament. Ghandha tigi applikata l-ligi in vigore fid-data tal-kommissjoni tar-reat, sakemm ma tkunx inqas favorevoli ghall-imputat."* Skont Azzopardi l-ligi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet inqas favorevoli u allura ghandha tigi applikata l-ligi kif emendata u ghalhekk ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghar-rigward l-akkuza numru tlettax (13), l-imputat isostni li ma jirrizulta xejn in atti li anke bl-aktar mod remot din l-akkuza tista' tirrizulta. L-imputat jikkonkludi n-nota tieghu billi jghid li t-talba tal-prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u cioe` li l-licenzja tal-imputat tigi revokata, hija proceduralment inkoncepibbli li talba bhal din issir f'dan l-istadju meta ma kien hemm l-ebda talba f'dan is-sens fl-akkuza u l-ligi ma timponix l-istess tassattivament.

Ikkunsidrat:

<u>Akkuzi wiehed (1) sa tmienja (8)</u>

Illi l-Qorti hadet inkonjizzjoni dak sottomess fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-imputati rigward l-istqarrijiet rispettivi taghhom fejn hija taqbel kemm mal-fatt li l-istqarrija ta' ko-imputat mhijiex prova ammissibbli u anki mal-fatt li l-istqarrija hija leziva tad-drittijiet tal-imputat u ghalhekk fid-dawl ta' dan il-Qorti mhijiex ser tiehu konjizzjoni tal-istess.

Gjaladarba l-prova tal-istqarijja mhijiex ser tigi kkunsidrata jibqa' l-fatt jekk din il-Qorti ghandhiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputati.

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

> *"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada</u>** datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

> *"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li*

*qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha jkollha s-serhan tal-mohh li l-provi mressqa jwassluha sabiex ikollha l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputati kkommettew ir-reati li gew akkuzati bihom. Fil-kaz in ezami, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-imputati fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom u cioe` li ma hemm xejn x'jillacja l-imputati mal-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom. Huwa minnu dak li gie sottomess u cioe` li l-ewwel tmien akkuzi huma mibnija biss fuq spekulazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni u mhux fuq provi konkreti.

Illi sabiex tezisti l-komplicità jrid ikun hemm dak illi huwa maghruf bhala *a common design* bejn l-awtur u l-komplici. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma tirrizulta l-ebda prova li turi li l-imputati kellhom ftehim dwar x'ser jigri bil-munizzjoni; ma tirrizulta l-ebda prova li turi li b'xi mod ifformulaw pjan flimkien fuq il-munizzjon inkwistjoni. Fil-ligi Maltija, il-figura ta'

*accessory after the fact* li tezisti fil-ligi Ingliza ma tiffurmax parti mill-elementi inkluzi u msemmija tassattivament fil-ligi, biex ikun hemm komplicita` fir-reat (ara Appell Kriminali Inferjuri ***Il-Pulizija v. Shirley Chircop***, 6 ta' Gunju 2002). Fin-Noti tal-Professur Mamo (Pagna 126) insibu dan li gej:

> *"Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof ... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prisons, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case, the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would*

*constitute complicity and not its fulfilment after the fact."*

Il-fatt li l-imputat Yaacob mar jigbor munizzjon minghand il-hanut tal-imputat Azzopardi, li huwa propju hanut tal-armi u munizzjon, ma hijiex prova tal-*common design.*

Illi dan kollu qed jinghad ghaliex il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mill-ligi u mhux b'semplici suppozizzjonijiet. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Attard** (Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza 28.02.2005) intqal dan:

*"Qabel ma din il-Qorti ser tiddiskuti l-fatti specie tal-kawza odjerna, thoss li ghandha tfakkar lil Prosekuzzjoni, li l-grad ta' prova li ghandha tilhaq hu dak li ma jhalli ebda ombra dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra, ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li gudikant irid jasal ghalih huwa li, wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha u b'applikazzjoni tal-buon*

*sens tieghu ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni".*

Kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Paul Farrugia** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-3 ta' Marzu 2000:

*"Hija dejjem l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant."*

Illi f'dan l-istadju huwa importanti wkoll li l-Qorti tara jekk hemmx provi cirkostanzjali li jistghu jwasslu ghall-htija tal-imputati. Jigi rilevat li prova cirkostanzjali trid twassal ghall-prova univoka u cioe` l-unika interpretazzjoni li dik il-prova cirkostanzjali hija wahda biss u meta tali prova tkun ekwivoka, din il-prova ma jkollha ebda prova legali. Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax (17) ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali u cioe` li:

*"Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni."*

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tkun moralment konvinta li l-imputati kienu partecipi ma’ terzi persuni sabiex iwettqu r-reati addebitati lilhom u ghalhekk il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa mankanti minn dawk l-elementi bazici sabiex dawn l-akkuzi jirnexxu u l-elementi tar-reati addebitati lill-imputati jigu ppruvati.

Illi in oltre l-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova tangibbli tal-ezistenza o meno tal-persuna li ssemmiet fil-proceduri u cioe` ta’ Walid Ittarhuni u/jew persuni ohra li b’xi mod setghu jkunu assocjati mieghu. Ghalhekk kif qalu tajjeb il-ko-imputati, tali persuna baqghet persuna fittizja.

Ghal dawn il-motivi konfrontata b’tali nuqqas ta’ provi l-Qorti ser tillibera l-imputati mill-ewwel tmien akkuzi.

<u>Akkuzi disa’ (9) sa tlettax (13)</u>

Illi l-imputat Michael Azzopardi jinsab akkuzat wahdu bl-akkuzi disgha (9) sa tlettax (13).

Illi rigward id-disa' (9) akkuza cioe` li naqas milli jzomm inventarju, l-imputat Azzopardi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jammetti li ma nizzilx fir-registru l-iskratac mertu ta' din il-kawza u cioe` dawk li nstabu fil-vettura tal-ko-akkuzat. Skont l-imputat *"Din hija l-unika infrazjoni li kkommetta l-esponent imma dan ghal diversi ragunijiet li ghadhom jigu konsidrati minn din l-Onorabbli Qorti meta tigi biex teroga l-piena ghall-istess."* L-imputat jargumenta li qabel l-introduzzjoni ta' din il-Ligi, ma kien hemm l-ebda kwezit li negozjant inizzel f'registru appozitu ir-*reloads*. F'dan is-sens l-imputat esebixxa wkoll traskrizzjoni tax-xhieda ta' Peter Paul Zammit f'kawza identika. Il-Qorti tfakkar lill-imputat illi *ignorantia legis neminem excusat* u ghalhekk ser issb lill-imputat hati ta' din l-akkuza izda fl-applikazzjoni tal-piena l-Qorti ser tiehu inkonsiderazzjoni l-fatt li l-pubbliku gie sgwidat.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll talli bhala detentur ta' licenzja ta' negozjant, naqas li jzomm u jikkonserva registru. Il-Qorti tqis

li din l-akkuza ma tirrizultax stante li r-registru *per se* gie esebit mill-Prosekuzzjoni u fih jidher li l-imputat kien inizzel il-bejgh tieghu.

Illi l-imputat permezz tan-nota tieghu jammetti wkoll l-akkuza hdax (11). In effetti din l-akkuza tirrizulta ppruvata mill-Prosekuzzjoni stante li gie kkonfermat li Feraj Issa Ali Yaacob m'ghandux licenzja u ghaldaqstant l-imputat Azzopardi, bhala negozjant, ma setax jittrasferixxi jew jikkunsinna taht kwalunkwe titolu, munizzjoni lill-persuna li ma jkollhiex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi fir-rigward tal-akkuza tnax (12), l-imputat Azzopardi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid illi permezz tal-Avviz Legali 206 tal-2015 il-Legislazzjoni Sussidjarja 480.02 giet emendata fejn ir-regolament 34(c) jipprovdi li detentur ta' licenzja m'ghandux jahzen iktar minn 250,000 balla bhala munizzjon ghall-armi tan-nar. L-imputat ghamel referenza wkoll ghal sentenza tat-2 ta' Mejju 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Grima fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghan-noti tal-Professur Sir Anthony Mamo fejn qalet hekk: "*il-ligi sostanzjali, .. bhala regola,*

*ma tapplikax retrospettivament. Ghandha tigi applikata l-ligi in vigore fid-data tal-kommissjoni tar-reat, sakemm ma tkunx inqas favorevoli ghall-imputat."* Skont Azzopardi l-ligi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet inqas favorevoli u allura ghandha tigi applikata l-ligi kif emendata. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess u allura ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Ghar-rigward l-akkuza tlettax (13) il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova f'dan is-sens u ghaldaqstant ser tillibera lill-imputat Azzopardi fuq nuqqas ta' provi.

Illi l-imputat Feraj Issa Ali Yaacob gie akkuzat wahdu talli zamm jew kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar jew munizzjoni minghajr ma kellu licenza. Din l-akkuza tirrizulta ppruvata a bazi ta' dak li xehdu l-Ufficcjali tal-Pulizija li mir-ricerka li ghamlu Feraj Issa Ali Yaacob instab li ma ghandu l-ebda licenzja ghalhekk il-Qorti ser issibu hati ta din l-imputazzjoni.

<u>Piena fil-konfront tal-imputat Michael Azzopardi</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15(1) (a) (b) (c), 20 u 51 (4) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Michael Azzopardi hati tal-akkuzi disgha (9) u hdax (11) u tikkundannah ghal multa ta’ tliet elef u hames mitt ewro (€3,500) filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra dedotti fil-konfront tieghu.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat Michael Azzopardi sabiex ihallas nofs l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri liema spejjez jammontaw ghal mitejn u dsatax-il ewro u tlieta u erbghin centezmu (€219.43).

<u>Piena fil-konfront tal-imputat Feraj Issa Ali Yacoob</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 5(1) u 51 (2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Feraj Issa Ali Yaacob hati tal-akkuza tlettax (13) u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-

piena ta' sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2), filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kif dedotti fil-konfront tieghu.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat Feraj Issa Ali Yaacob sabiex ihallas nofs l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri liema spejjez jammontaw ghal mitejn u dsatax-il ewro u tlieta u erbghin centezmu (€219.43).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Feraj Issa Ali Yaacob l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**